MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 145/2014

**Elizabeth Psaila u Michael Psaila**

**vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi fil-25 ta’ April 2014 fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-awtorita’ konvenuta thallas id-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta’ hamest elef, erba’ mija u tmienja u sittin ewro u disa’ u tmenin centezmu (€5,468.89) jew somma ohra verjuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti, konsegwenza tal-incident stradali li sehh nhar l-erbatax (14) ta’ Lulju 2013, waqt li r-rikorrenti Michael Psaila kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Toyota Spacio Corolla bin-numru tar-registrazzjoni ELM-701 gewwa Ta’ Qali, limiti ta’ H’Attard, u registrata fuq ir-rikorrenti Elizabeth Psaila huwa dahal gewwa gandott tal-ilma miftuh li ma kellu l-ebda protezzjoni jew inkella sinjali ohra li jindikaw l-ezistenza tieghu lis-sewwieqa fit-triq, u dan skond ma jirrizulta mir-rapport relattiv illi kopja tieghu qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok. “A”.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ Jannar 2014 (hawn annessa u mmarkata Dok “B”), u bl-imghaxijiet legali mill-20 ta’ Jannar 2014, kontra l-Awtorita’ intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta li giet ipprezentata fid-9 ta’ Mejju 2014 fejn eccepiet:

1. *“Illi preliminarjament, l-Awtorita’ mittenti mhijiex il-legittima kontraditrici stante li mhijiex responsabbli ghat-triq gewwa ta’ Qali, limiti ta’ H’Attard fejn sehh l-allegat incident;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita’ esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront taghha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq l-atturi sabiex iressqu prova tal-allegati danni u fi kwalunkwe kaz, dawn huma kontestati;*
4. *Illi fi kwalunkwe kaz, l-Awtorita' mittenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza u tal-ittra ufficjali datata t-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), ghal liema ittra ufficjali giet prezentata ittra ufficjali responsiva mill-Awtorita' mittenti li hija annessa u mmarkata bhala Dok. TM1.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

**Nicholas Baldacchino** xehed fit-18 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *legal support manager* fi hdan l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. F'din l-Awtorita' hemm id-Direttorat tar-Roads and Infrastructure. Huwa spjega li r-rikorrenti ghamlulu *claim* b'referenza partikolari ghal triq illi ghadha bla isem pero' tinsab fil-limiti ta' Ta' Qali. Ix-xhud sostna li din it-triq ma taqax taht ir-responsabbilta' tal-Awtorita' u dan minhabba l-fatt illi l-Kap li jirregola l-Awtorita', u cioe' l-Kap 499 jitkellem strettament dwar toroq arterjali u distributorji li jaqghu taht ir-responsabbilta' taghhom. Ix-xhud gab mieghu id-dokument li jirreferi ghat-toroq arterjali u distributorji u fih hemm indikat liema huma t-toroq distributorji gewwa H'Attard. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z. Il-claim tal-atturi ma taqax f'wahda minn dawn it-toroq indikati f'dan id-Dokument Z. Huwa ezebixxa pjanta ohra li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument X liema pjanta turi liema huma t-toroq distributorji u arterjali, turi parti miz-zona li taqa' taht il-Kunsill Lokali ta' H'Attard, u l-parti hadra hija dik ta' Ta' Qali fejn sehh l-incident. Huwa mmarka t-triq in kwistjoni bil-kulur blu b'salib b'cirku madwaru pero' ma jafx fejn ezattament sehh dan l-incident. Huwa ndika zewg slaleb fejn tibda u fejn tispicca din l-istess triq.

Ix-xhud stqarr illi meta originarjament kienu rcevew l-ittra tar-rikorrenti datata 13 ta' Jannar 2014 huma raw il-claim biex jaraw ezattament fejn sehh dan l-incident, il-claim tmur quddiem kumitat u dan il-kumitat innota minnufih li din ma kinitx claim li kellha taqa' fil-parametri ta' Transport Malta u ghalhekk il-kumitat kien ta risposta lill-istess rikorrenti f'dan is-sens u gwidawha ahjar. Huwa gie muri kopja ta' din l-ittra ufficjali li tinsab inserita fl-atti u qal li fil-fatt din hija l-ittra ufficjali li huma rrispondew. Huma m'humiex awtorita' tat-toroq izda awtorita tat-trasport u jiehdu hsieb biss dawk li huma arterji u distributorji.

**Vincent Borg** xehed fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tal-kumpanija li jisimha B&C Contractors Limited u qal li huma jaghmlu xoghlijiet ta' kostruzzjoni, kostruzzjoni ta' toroq u affarijiet simili. Mistoqsi jekk hux familjari ma' Ta' Qali limiti ta' H'Attard qal li iva, filfatt qal li kienu ghamlu xi xoghlijiet hemmhekk. Filfatt huma kienu gew imqabbdin jaghmlu dan ix-xoghol mill-Awtorita' tat-Trasport f'Malta. Huwa gie muri dokument X a fol 27 tal-process u spjega li filfatt jaf illi ghamlu xi xoghlijiet fejn hemm l-ittra X bil-blu go cirku fuq din il-pjanta, u filfatt qed jesebixxi kopja tal-permessi li gew mahruga lilu minn Transport Malta in konnessjoni ma' dan ix-xoghol. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument VC. Il-kont huwa hargu lil Transport Malta. Ix-xoghol kien jikkonsisti billi huma jnaddfu *culvert* li kien jinsab fil-genb tat-triq li kien ilu hemm zmien, snin twal, fejn kien hemm miksur irrangawh, ghamlu *re-instatement* tat-triq *two layers of asphalt* u dan ix-xoghol sar fix-xahar ta' Dicembru tas-sena 2012. Dan huwa xoghol tal-emergenza mahrug permezz ta' tender. Dak iz-zmien kien se jinfetah il-*petting farm*. Huwa qal li hemm seba' kuntratturi fuq in-naha tan-*north* u ghalhekk ikunu tal-ghassa gimgha kull wiehed. Huwa qal li dik il-gimgha kien imiss lilu u

x-xoghol inghata lilu. Huwa ma jkunx jaf ir-relazzjoni li jkollha Transport Malta ma’ terzi persuni. Huwa gie mqabbad minn Transport Malta. Filfatt qal li lanqas thallas ta’ kollox ghadu. Dan ix-xoghol sar in kuntest mal-*petting farm*. Huwa pero’ r-relazzjoni tieghu kienet dejjem ma’ Transport Malta.

**Michael Psaila** xehed fit-8 ta’ Ottubru 2014 fejn iddikjara li Vincent Borg kien ha *direct order* minghand it-Transport Malta. Huwa jaf li kien gie mwaqqaf milli jkompli bix-xoghol qabel l-elezzjoni. Sa fejn jaf hu kienet l-istess Transport Malta li waqfitu minn dan ix-xoghol. In segwitu kien tkellem mal-ministru Joe Mizzi u kien filfatt qabbdu jkellem lil Kevin Zahra ta’ Transport Malta li jaf li huwa tkellem mal-Perit David Vassallo u qal illi dik it-triq hija *ring road* u ghandha x’taqsam maghha Transport Malta.

**Perit David Vassallo** xehed fil-5 ta’ Novembru 2014 fejn iddikjara li huwa perit li jahdem ma’ Transport Malta u huwa nkarigat mit-toroq. Huwa spjega li huma bhala Transport Malta bhala procedura jiehdu hsieb it-toroq arterjali u distributorji. Mistoqsi mill-Qorti x’inhi Ta’ Qali ring road wiegeb li din hija area li hija eskluza mir-responsabbilta’ tal-Kunsill Lokali, filfatt hija responsabbilta’ tal-Gvern Centrali izda mhux direttament ta’ Transport Malta. Pero’ huma bhala agenzija tal-Gvern jaghmlu xoghlijiet fit-toroq, jintalbu sabiex jaghmlu nterventi f’diversi toroq fosthom l-intervent in kwistjoni ta’ Ta’ Qali ring road. Huwa kkonferma li hemmhekk kellu jsir xi xoghol ta’ *culvert construction* u *resurfacing works*. Huwa kkonferma wkoll illi x-xoghol kien gie meqjus bhala xoghol ta’ emergenza u dan ghax it-triq in kwistjoni kienet deterjorata hafna, kien qed joqghod ammont kbir ta’ ilma fuqha u ghalhekk kien ta’ periklu. Il-perit tenna li huma kienu qabdu bhala kuntratturi lil V&C Contractors. Filfatt din it-triq la hija distributorja u lanqas hija triq arterjali.

Il-Perit tenna li l-parti l-kbira ta’ nterventi nkluz dan il-kaz fl-area ta’ Ta’ Qali, it-talbiet isiru mill-*works division* li jaqghu taht il-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura u dan peress li hemm bini ta’ certu mportanza. Dan ghaliex hemm il-petting farm u n-national park li jaqghu taht l-istess ministeru. Din it-triq hija eskluza mir-rotta fejn iduru l-field officers taghhom u dan peress li mhix arterjali u distributorja. Tali triq taqa’ suppost taht ir-responsabbilta’ diretta tal-Gvern Centrali.

Illi nhar il-5 ta’ Novembru 2014 dehru l-avukati tal-partijiet u trattaw l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita’ konvenuta fis-sens li mhix il-legittima kontadittrici stante li mhix responsabbli ghat-triq gewwa ta’ Qali limiti ta’ H’Attard fejn sehh l-allegat incident u konsegwentement talbu lil din il-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza limitatament dwar din l-eccezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat:**

Illi m’hemmx kontestazzjoni li l-incident li a bazi tieghu l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-Awtorita’ konvenuta tirrispondi sehh gewwa Ta’ Qali limiti ta’ H’Attard. Fil-fehma tal-atturi, l-Awtorita’ konvenuta hija responabbli ghat-toroq u ghalhekk ghandha twiegeb ghad-danni sofferti minnhom. Dwar dan l-Awtorita’ ma taqbilx u tghid li l-Awtorita’ skond il-ligi hija principalment l-Awtorita’ tat-Trasport u tiehu hsieb biss dawk it-toroq li huma arterjali u distributorji.

Fil-fatt Nicholas Baldacchino li xehed ghan-nom tal-Awtorita' spjega li f'din l-Awtorita' hemm id-Direttorat tar-*Roads and Infrastructure.* Ghalkemm jghid li t-triq fejn sehh l-incident ma taqax taht ir-responsabbilta' tal-Awtorita' u dan minhabba l-fatt illi l-Kapitolu 499 li jirregola l-Awtorita' jipprovdi strettament billi jistipula li huma it-toroq arterjali u distributorji biss li jaqghu taht ir-responsabbilta' taghha. Fil-fatt esebixxa numru ta' dokumenti mmarkati bhala Dok Z li jirreferu ghat-toroq arterjali u distributorji gewwa H'Attard. Issa mhemmx dubju li t-talba tal-atturi ma taqax f'wahda minn dawn it-toroq indikati f'dan id-Dokument Z. Huwa ezebixxa pjanta ohra li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument X liema pjanta turi liema huma t-toroq distributorji u arterjali, turi parti miz-zona li taqa' taht il-Kunsill Lokali ta' H'Attard, u l-parti l-ohra bil-kulur ahdar hija dik ta' Ta' Qali fejn sehh l-incident. Huwa mmarka t-triq in kwistjoni bil-kulur blu b'salib b'cirku madwaru pero' ma jafx fejn ezattament sehh dan l-incident. Huwa ndika zewg slaleb fejn tibda u fejn tispicca din l-istess triq.

Illi l-Perit David Vassallo jokkupa il-kariga ta' Manager mal-Awtorita' konvenuta u huwa responsabbli ghat-toroq. Mistoqsi mill-Qorti x'inhi Ta' Qali *ring road* wiegeb li din hija area li hija <u>eskluza</u> mir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali, fil-fatt <u>hija responsabbilta'</u> tal-Gvern Centrali izda <u>mhux direttament</u> ta' Transport Malta. Spjega li cio' nonostante huma bhala agenzija tal-Gvern jaghmlu xoghlijiet fit-toroq u jintalbu sabiex jaghmlu nterventi f'diversi toroq fosthom l-intervent in kwistjoni ta' Ta' Qali ring road fejn kienu taw Direct Order lis-socjeta' V&C contractors dwar xoghol urgenti li kellu jsir f'culvert f'dik l-istess triq.

Il-Qorti ghamlet referenza ghas-setgħat u funzjonijiet fir-rigward ta’ trasport stradali u toroq kif naxxenti mill-ligi u appuntu ghall-**artikolu 7 (b) tal-Kapitolu 499** li jiddisponi s-segwenti:

“*Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b’konnessjoni mat-toroq u t-trasport stradali*:

(b) *li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi ’l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta’ servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-formazzjoni mill-ġdid ta’ toroq eżistenti:*

*Iżda meta l-manutenzjoni ta’ xi triq tkun taqa’ taħt ir-responsabbiltà ta’ Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta’ dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta’ dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità:*

*Iżda wkoll, meta triq tkun se tiġi ffurmata minn xi persuna skond xi liġi oħra, ma tkunx il-funzjoni tal- Awtorità li tifforma dik it-triq*”;

Dwar it-tifsira tal-kelma ''triq'' din il-Qorti tahmel referenza ghad-definizzjoni li temergi minn l-istess ligi Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk:

*"tinkludi kull triq, tkun kif tkun kategorizzata, u tinkludi għar-rigward ta' xi triq bħal dik –*

*(a) kull triq diġà mibnija jew li tkun fi stadju ta' ippjanar jew ta' kostruzzjoni;*

*(b) il-karreġġjata tagħha kif ukoll kull konfini jew spazju apert pubbliku ieħor adjaċenti u anċillari għaliha, inklużi marġini laterali, central strips, roundabouts, traffic islands, mogħdijiet pedonali u bankini;*

*(ċ) is-sisien, livelli taħt il-wiċċ u l-kisi tal-livell tal-wiċċ tagħhom;*

*(d) sottopassaġġi, sovrapassaġġi, junctions u intersezzjonijiet, sew fuq diversi livelli sew xort'oħra;*

*(e) xogħlijiet fuq kanali ta' dranaġġ u l-aċċess għalihom, gandotti u xogħlijiet ta' tħaffir ta' gandotti għal utilitajiet inkluż l-aċċess għalihom, il-mogħdija u ttqegħid ta' sistemi ta' pajpijiet u tubi u ħwejjeġ simili għad-distribuzzjoni ta' utilitajiet jew il-provdiment ta'*

*servizzi, inklużi xogħlijiet konnessi ma' dan jew anċillari għalihom u toqob tal-ispezzjonar jew mezzi oħra ta' aċċess għal dawk l-utilitajiet jew xogħlijiet;*

*(f) arbli, tagħmir tal-elettriku, billboards, strutturi għat-twaħħil ta' reklami, bankijiet, kiosks u kull ħaġ'oħra li tista' titwaħħal mal-wiċċ tagħhom, eskluż il-bini;*

*(g) sinjali jew tabelli tat-traffiku fit-toroq, marki fit-toroq u miżuri għall-ikkalmar tat-traffiku, apparat għall-kontroll tat-traffiku u apparat relatat li jaħdem bid-dawl, cameras tal-veloċità u faċilitajiet oħra tat-traffiku fit-toroq użati għal skopijiet ta' immaniġġar u kontroll tat-traffiku;*

Harsa lejn il-**Kapitolu 363** imsejjah Att dwar Kunsilli Lokali jipprovdi x'inhuma l-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u fosthom insibu is-segwenti ghal dak li jirrigwada it-toroq u cioe':

33.(1)*"Bla hsara ghas-subartikolu (2) u ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tkun issehh fiz-zmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*

*(2)Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, parks jew zonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji ohra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oggetti ohra mnizzla fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-Gvern u, hlief kif provdut skond is-subartikolu (1)(w) jew (x), huma ghal kollox eskluzi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali.*

*ommisis*

*(w) li jaghmel ftehim ma' kull korp pubbliku jew dipartiment tal-gvern ghad-delega lill-Kunsill ta' xi whud mill-funzjonijiet ta' dak il-korp pubbliku jew dipartiment:*

*Izda kull delega bhal dik tibda ssehh biss wara li l-Ministru jkun g]amel ordni dwar dan fil-Gazzetta;*

*(x)li jaqdi kull funzjoni ohra li tkun delegata lilu mill-Gvern permezz tal-Ministru bil-pubblikazzjoni ta' ordni fil-Gazzetta."*

Jinghad li minn ezami ta' din id-disposizzjoni ahharija jidher car li hija r-responsabbilta' tal-Gvern ta' Malta sabiex jiehu hsieb it-toroq li huma arterji u distributorji kif stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura.

Ghal dak li jirrigwarda x'inhi triq arterjali u triq distributorja il-Qorti taghmel referenza ghall-gabra ta' mapep mahruga mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar f'Awissu 1999 u vigenti sal-gurnata ta' llum, fejn l-Awtorita' taghmel definizzjoni ta' x'ghandhom ikunu toroq arterjali u distributorji (vide Dok Z).

Di fatti, l-Awtorita' kienet ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Generalment toroq arterjali jkunu dual-carriageway, jigifieri li toroq ikunu wiesgha bizzejjed biex ikun hemm zewgt lanes ghat-traffiku fuq kull naha tat-triq. Toroq arterji jinghaqdu ma' toroq ohra li jkunu ta' grad differenti. In-network tat-toroq artjeri jintuzaw minn karozzi tal-linja fuq rotot twal izda m'ghandhom jintuzaw ghall-parkegg ta' karozzi jew biex ikun hemm access dirett ghal propretajiet individwali.*

*Minn naha l-ohra, toroq distributorji iservu biex jaghtu access ghat-toroq arterji. Toroq distributorji ghalhekk jintuzaw primarjament ghal traffiku lokali jew distrettwali. Il-bicca il-kbira tar-rotot tal-karozzi tal-linja juzaw it-toroq distributorji. Dawn it-toroq iservu wkoll ta' access ghal xi propjetajiet.*

*Normalment toroq distributorji jkolhom carriageway wahda. Il-parkegg f'dawn it-toroq distributorji ghandu jkun kemm jista' jkun ristrett."*

L-atturi ghamlu referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet '**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Saviour Portelli (ID *omissis*) sija bil-polza ta' l-assikurazzjoni u sija bil-ligi, kif ukoll l-istess Saviour Portelli vs Kunsill Lokali Naxxar u Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**' deciza nhar id-9 ta' Gunju 2014 liema sentenza tinsab pendenti fi stadju ta' Appell. Il-Qorti ezaminat din is-sentenza u rat li f'dik is-sentenza l-Awtorita' ma kinitx ipprovat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti jekk it-triq fejn sehh l-incident gewwa s-Salina kinitx triq arterjali jew distributorja jew addiritura triq ohra u kien ghalhekk il-kompitu ta' dik il-Qorti li taghmel dak l-ezercizzju. Fil-fatt dik l-itess Qorti ghamlet referenza ghall-ittra li kienet giet miktuba minn Dr. Stanley Portelli ghan-nom ta' Transport Malta fejn l-Awtorita' kienet qed tassumi responsabbilta' tal-manutenzjoni tat-triq illi tifforma parti minn Triq is-Salina.

Illi f'dan il-kaz pero' l-Awtorita' fl-ebda hin ma assumiet xi responsabbilita' ghat-triq fejn sehh l-incident anzi insistiet li tali triq taqa' taht ir-responsabilita' diretta tal-Gvern Centrali. Temmen li l-Awtorita' tidhol biss una volta tigi mitluba sabiex taghmel xi xoghol ta' manutenzjoni mill-*works division* li jaqghu taht il-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura u dan fil-kapacita' taghha bhala agenzija tal-Gvern u ghalhekk l-ewwel responsabilita' hija tal-Gvern Centrali. Jigi rilevat ukoll li l-Perit David Vassallo ghan-nom ta' Transport Malta stqarr li din it-triq hija eskluza mir-rotta fejn iduru l-*field officers* taghhom u dan peress li mhix arterjali u distributorja.

Il-Qorti ezaminat il-pjanta esebita minn Nicholas Baldacchino u mmarkata bhala Dok X, liema pjanta fl-ebda hin ma giet kontestata mill-atturi u minn ezami ta' l-istess hemm indikat fejn huma it-toroq arterjali u distributorji. L-istess xhud indika fuq il-pjanta it-triq fejn sehhet l-allegat incident liema markar ukoll ma giex kontestat u ukoll jidher car li din mhix wahda minn dawk it-toroq li ghalhekk taqa' taht ir-responsabilita' diretta tal-Awtorita'.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-awtorita' konvenuta u konsegwentement tiddikjara li l-Awtorita' konvenuta mhix il-legittima kontradittrici ta' l-atturi u ghalhekk tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-atturi inkluz l-ittra ufficcjali datata 13 ta' Jannar 2014.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------